MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 99/2007

**A, f'ismu proprju u bħala rappreżentant *ad litem* ta' bintu minuri X**

**-vs-**

**L-Avukat Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici li b'digriet ta' l-14 ta' Mejju, 2007 inħatru bħala kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lill-assenti minn Malta, B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-5 ta' Marzu 2007 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

1. Illi l-kontendenti kkuntrattaw żwieġ bejniethom nhar l-1 ta' Diċembru 1991, skond kif jidher miċ-ċertifikat taż-żwieġ tagħhom illi kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa u

esebita u mmarkata bħala Dok. A, u minn dan iż-żwieġ twieldet tifla, X, illi llum għandha erbatax-il sena.

2. Illi ż-żwieġ tal-kontendenti tfarrak u tkisser irrimedjabbilment minħabba raġunijiet rikonoxxuti fil-Liġi, fosthom inġurji, sevizzi, eċċessi, minaċċi u adulterju da parti tal-konvenuta, kif ukoll minħabba abbandun tal-familja sabiex tmur tgħix f'konkubinaġġ mal-*partner* tagħha fl-esteru, u minħabba nkompatibbilita' ta' karattri.

3. Illi l-esponent kien awtorizzat jipproċedi b'din l-istanza permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 5 ta' Frar 2007, illi kopja tiegħu qed tigi annessa ma' dan ir-rikors u esebita u mmarkata bħala Dok. B.

4. Illi f'Jannar 2007, il-konvenuta B telqet mid-dar matrimonjali u siefret bla kliem u bla sliem lejn l-Amerika, fejn marret tgħix ma' raġel Amerikan li ltaqgħet miegħu fuq l-*internet*, u dan kif jirriżulta ampjament mill-affidavit tal-minuri X datat 4 ta' Jannar 2007, illi kopja tiegħu qed tiġi annessa ma' dan ir-rikors u esebita u mmarkata bħala Dok. C

5. Illi ma hemmx possibbilta' ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

6. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza ta' l-esponent.

7. Illi l-preżenti proċeduri qegħdin isiru sabiex tiġi ddikjarata s-separazzjoni personali *a mensa et thoro*, bejn il-kontendenti minħabba r-raġunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-Liġi.

Għaldaqstant l-attur, in vista ta' dan kollu fuq premess, jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro*, bejn il-kontendenti minħabba r-raġunijiet fuq premessi u rikonoxxuti mill-Liġi, imputabbli lill-konvenuta;

2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri X lill-attur, bi dritt ta' aċċess għall-konvenuta jekk ikun il-każ.

3. Tiffissa retta alimentarja xierqa pagabbli mill-konvenuta lill-attur għall-minuri msemmija.

4. Tillikwida u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

5. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuta ddekadiet minn sehemha fil-komunjoni ta' l-akkwisti jew minn dik il-parti wara d-data li dina l-Qorti tistabbilixxi bħala d-data ta' meta l-konvenuta rrendiet ruħha ħatja tal-firda, u konsegwentement tapplika l-effetti ta' l-artikolu 48 et seq. tal-Kodici Civili kontra l-istess konvenuta, u favur l-attur u konsegwentement tiddikjara illi l-konvenuta tilfet il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631 u 633 tal-Kodiċi Ċivili, u kif ukoll dak kollu illi kienet kisbet b' donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ jew wara ż-żwieġ jew b' titolu iehor gratwitu, mingħand l-attur, illi għalhekk għandu jiġi ritornat lilu, kif ukoll kull jedd għan-nofs ta' l-akkwisti illi saru l-aktar bil-ħidma ta' l-attur wara d-data stabbilita minn dina l-Qorti bħala d-data meta l-konvenuta rrendiet ruħha ħatja tal-firda, liema akkwisti għandhom jibqgħu kollha ta' l-attur, u tiddikjara *inoltre* illi l-konvenuta ddekadiet mid-dritt illi titlob manteniment mill-attur.

6. Tenut kont ir-raba' u l-ħames talba, tiddividi l-assi kollha appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti, f' ishma illi mhux neċessarjament ikunu ugwali, u tassenja sehem lil kull wieħed mill-partijiet, jekk ikun il-każ.

7. Tassenja lil kull parti l-beni parafernali tagħha;

8. Prevja kull dikjarazzjoni rikjesta skond il-Liġi, tiddeċiedi illi l-attur għandu jkollu d-dritt illi jibqa' jgħix fil-fond magħżul bħala d-dar matrimonjali tal-kontendenti wara li tiġi pronunzjata s-sentenza minn dina l-Qorti, u dana *ai termini* ta' l-artikolu 55 A tal-Kodiċi Ċivili.

9. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u kuraturi deputati biex jirrapreżentaw l-eventwali kontumaċi;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati ppreżentata fit-30 ta' Awissu 2007 li permezz tagħha esponew:

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u għalhekk qed jirriżervaw id-dritt li jippreżentaw risposta motivata fi stadju ulterjuri.

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat l-affidavits preżentati mill-attur u l-inkartament tas-seduti li saru quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr Elena Naudi Depasquale debitament nominata;

Rat il-verbal tas-16 ta' Jannar 2009 li permezz tiegħu l-kawża thalliet għas-sentenza;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ta' l-attur.

Ikkunsidrat;

TORT

Illi kif ġia' ingħad l-attur qed jitlob is-separazzjoni mingħand martu l-konvenuta għas-soliti raġunijiet. M'hemmx wisq x' wieħed jgħid dwar kif l-attur wasal biex ippropona l-kawża għaliex il-konvenuta inspjegabbilment abbandunat id-dar konjugali u telqet tgħix l-Amerika biex tikkonvivi ma' ragel li miegħu kienet qed tikkomunika bl-*internet*, *ad insaputa* ta' żewġha. Il-minuri li kellha erbatax-il sena dak iż-żmien kienet taf b'dan iżda żammet is-skiet għal raġunijiet ovvji. Il-konvenuta ma jista' jkollha ebda skuza għal dan l-atteġġjament irresponsabbli u egoistiku tagħha għaliex jekk kellha xi problemi kien messha qasmithom ma' żewġha jew għall-inqas għamlitha ċara miegħu li kellha xi problema u tiffaċċjah, u mhux titlaq kif telqet, fejn saħansitra ħalliet lil bintha warajha. Għalhekk

ma hemmx dubju għall-Qorti li l-konvenuta taħti għas-separazzjoni.

KURA U KUSTODJA TAL-MINURI
Anke dwar il-kura u kustodja ma hemm ebda dubju li għar-raġunijiet ġja' mogħtija, din għandha tiġi akkordata lill-attur.

QSIM TAL-KOMUNJONI U BENI PARAFERNALI
Naturalment hemm wieħed x'jgħid dwar il-beni formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti. Id-dar matrimonjali nxtrat mill-partijiet meta kienu għadhom għarajjes. L-attur għadu jħallas id-dejn lill-bank sa issa anke jekk *ormai* d-dejn kważi nqata' kollu. Jidher ukoll li l-attur ħallas elfejn u mitejn lira Maltin (Lm2,200) iktar mill-attriċi meta nxtrat id-dar. Għalhekk għandu dritt jitlob rifużjoni tagħhom (ħamest elef, mija u erbgħa u għoxrin Ewro u tnejn u sittin ċenteżmu - €5,124, 62 euro). Il-konvenuta żbankat elfejn u seba' mitt lira Maltin (Lm2,700) meta telqet mid-dar. Barra mill-ammont maħruġ mill-attur qabel iż-żwieġ, kollox magħdud, hija ġustifikata t-talba ta' l-attur kontenuta fin-nota ta' sottomissjonjiet tiegħu illi huwa għandu kreditu ta' erbat elef, tmien mija u tlieta u għoxrin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€4,823.21) fuq il-*home loan* imsemmija u self li ħallas hu għal xiri ta' *computer*. *Oltre* dan għandu dritt ta' nofs is-somma li żbankat il-konvenuta, u ċioe' ta' elf, tliet mija u ħamsin lira Maltin (Lm1,350) jew tliet elef, mija u erbgħa u erbgħin Ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€3,144.65). B'kollox għalhekk sebat elef, disa' mija u sebgħa u sittin Ewro u sitta u tmenin ċenteżmu (€7,967.86). Magħduda ma' l-ammont parafernali is-somma komplessiva għanda tkun ta' tlettax-il elf, u tnejn u disgħin Ewro u tmiena u erbgħin ċenteżmu (€13,092,48). Rigward id-dar konjugali l-Qorti fiċ-ċirkostanzi se tawtorizza lill-attur jgħix fiha ma' bintu ad esklużjoni tal-konvenuta. Ċertament l-attur m'għandux jiġi penalizzat minħabba l-kapriċċ tal-konvenuta billi jkun kostrett ibiegħ id-dar li ħadem tant għaliha.

MANTENIMENT
Dwar manteniment l-attur ma ressaqx provi dwar il-qliegħ tal-konvenuta u kwindi l-Qorti se tastjeni milli tiddeċiedi

dwar dan. Fl-istess ħin pero' taqbel ma' l-attur meta talab li l-konvenuta tiġi dikjarata illi iddekadiet mid-dritt tagħha biex tirċievi manteniment.

DECIZJONI

**Għal dawn il-motivi kollha l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi:**

**1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti iżda b'tort tal-konvenuta;**
**2. Tilqa' t-tieni talba billi l-kustodja tal-minuri tiġi assenjata lill-attur;**
**3. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba;**
**4. Tilqa' r-raba' talba u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet;**
**5. Tilqa' *in toto* l-ħames talba u tordna lill-konvenuta tħallas lill-attur is-somma globali ta' tlettax-il elf, u tnejn u disgħin Ewro u tmiena u erbgħin ċenteżmu (€13,092,48) għar-raġunijiet ġja' msemmija; tapplika kontra l-konvenuta l-effetti ta' l-artikoli 48 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili u senjatament id-dritt tal-manteniment mill-attur u li tirtu; tiddikjara li l-firda seħħet b'effett mill-4 ta' Jannar 2007 u tassenja lill-attur il-beni mobbli fid-dar konjugali;**
**6. Tordna x-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti billi tassenja lill-attur dawn l-oġġetti mobbli fid-dar konjugali u prevja l-ħlas dovut lill-attur fuq imsemmi, tordna li kull kont bankarju f'Malta u barra, u flus depożitati f'kull istituzzjoni oħra (li ġew depożitati qabel id-data imsemmija ta' l-4 ta' Jannar 2007) jiġu maqsuma fi kwoti ndaqs bejn il-partijiet; tiddikjara li l-partjiet jibqgħu ko-proprjetarji tad-dar konjugali, salv dak li se jiġi deċiż fit-tmien talba;**
**7. Billi ġja' provdut fit-talbiet preċedent, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-seba' talba;**
**8. Tilqa' t-tmien talba u tawtorizza lill-attur jibqa' jgħix fid-dar konjugali ad esklużjoni tal-konvenuta *ai termini* ta' l-artikolu 55A tal-Kap. 16;**
**9. Għal kull *buon fini*, jekk ikun hemm lok għal skop ta' pubblikazzjoni tal-kuntratt, tinnomina lin-Nutar Silvana Borg Caruana u l-Avukat Dottor Alessia Zammit McKeon bħala kuratriċi tal-kontumaċji u l-**

**istess att għandu jiġi ppubblikat fl-edifiċju tal-Qorti fid-data li tiffissa l-Qorti stess fuq talba tan-Nutar nominand jew xi ħadd mill-partijiet.**
**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-konvenuta, iżda l-ispejjeż u drittijiet tal-kuraturi għandhom jitħallsu provizorjament mill-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------